Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2024/0187(CNS)

31.01.2025

EMENDI
1 - 47

Abbozz ta' rapport
Malik Azmani
(PE766.606v01-00)

It-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu

Proposta għal regolament
(COM(2024)0316 – 2024/0187(CNS))

Emenda 1
Malik Azmani

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (16877/24),

Or. en

Emenda 2
Milan Uhrík, Ewa Zajączkowska-Hernik, Mary Khan
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Il-ħżin ta' immaġni tal-wiċċ u żewġ marki tas-swaba' ("data bijometrika") fuq il-karti ta' residenza u tal-identità***, kif diġà previst fir-rigward tal-passaporti bijometriċi għal ċittadini tal-Unjoni u tal-permessi*** ta' residenza ***għal ċittadini*** ta' ***pajjiżi terzi***, ***jirrappreżenta taħlita xierqa*** ta' ***identifikazzjoni*** u ***awtentikazzjoni affidabbli b'riskju mnaqqas ta' frodi***, ***bl-iskop li tissaħħaħ is-sigurtà tal-karti*** ta' ***residenza u tal-identità***. ***Kif ikkonfermat*** il-Qorti tal-Ġustizzja, l-inklużjoni obbligatorja tal-marki tas-swaba' fuq ***il-mezz*** ta' ***ħżin*** hija kompatibbli mad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali kif inhu garantit fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.	(16) Il-ħżin ta' immaġni tal-wiċċ u żewġ marki tas-swaba' ("data bijometrika") fuq il-karti ta' residenza u tal-identità ***ma jirrappreżentawx taħlita xierqa ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni affidabbli b'riskju mnaqqas ta' frodi, bl-iskop li tissaħħaħ is-sigurtà tal-karti*** ta' residenza ***u tal-identità. Dan huwa ksur qawwi wisq tad-dritt għall-privatezza taċ-ċittadini li jiffavorixxi possibbiltajiet dejjem akbar għall-kontroll tal-istat. Huwa wkoll riskju kbir wisq għaċ-ċiberkriminalità: jekk dawk il-marki tas-swaba' jinsterqu mill-medium ta' memorja fuq il-karta tal-identità, dawn jistgħu jintużaw madwar id-dinja għal kull tip ta' frodi u serq relatati mal-identità. U peress li huma uniċi u ma jistgħux jinbidlu, is-serq ta' dawn il-marki tas-swaba' jkun ta' riskju tul il-ħajja għaċ-ċittadin li jkun il-vittma tiegħu. Anki jekk*** il-Qorti tal-Ġustizzja ***kkonfermat***, ***strettament ġuridika, li*** l-inklużjoni obbligatorja tal-marki tas-swaba' fuq ***il-***

medium ta' ***memorja*** hija kompatibbli mad-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali kif inhu garantit fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta***, hemm valuri oħra involuti hawnhekk, bħal għażla fundamentali għall-privatezza taċ-ċittadini fuq possibbiltajiet dejjem akbar għall-kontroll tal-istat, u l-evitar strett ta' forom ġodda ta' ċiberkriminalità***.

Or. en

Emenda 3
Francisco Assis, Krzysztof Śmiszek, Ana Catarina Mendes, Marco Tarquinio, Emma Rafowicz, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi legali għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali għall-ħżin ta' data bijometrika fl-Istati Membri***, li hija kwistjoni ta' liġi nazzjonali li trid tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, fosthom ir-rekwiżiti dwar in-neċessità u l-proporzjonalità***. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażi ta' data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni.	(19) Dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi legali għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali għall-ħżin ta' data bijometrika fl-Istati Membri***.*** Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażi ta' data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni. ***Id-data bijometrika pproċessata għall-fini ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma tiġi pproċessata għal ebda fini ieħor, u jenħtieġ li ma tinħażinx f'bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 4
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi legali għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali għall-ħżin ta' data bijometrika fl-Istati Membri***, li hija kwistjoni ta' liġi nazzjonali li trid tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, fosthom ir-rekwiżiti dwar in-neċessità u l-proporzjonalità***. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażi ta' data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni.	(19) Dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi legali għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali għall-ħżin ta' data bijometrika fl-Istati Membri**.** Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażi ta' data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni. ***Id-data bijometrika pproċessata għall-fini ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma tiġi pproċessata għal ebda fini ieħor, u jenħtieġ li ma tinħażinx f'bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 5
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi legali għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali għall-ħżin ta' data bijometrika fl-Istati Membri***, li hija kwistjoni ta' liġi nazzjonali li trid tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, fosthom ir-rekwiżiti dwar in-neċessità u l-proporzjonalità***. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażi ta' data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni.	(19) Dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi legali għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali għall-ħżin ta' data bijometrika fl-Istati Membri**.** Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma jipprevedix bażi ġuridika għall-istabbiliment jew iż-żamma ta' bażi ta' data ċentralizzata fil-livell tal-Unjoni. ***Id-data bijometrika pproċessata għall-fini ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma tiġi pproċessata għal ebda fini ieħor, u jenħtieġ li ma tinħażinx f'bażijiet ta' data fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 6
Malik Azmani, Jeannette Baljeu, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) ***L-identifikaturi bijometriċi jenħtieġ li jinġabru u jinħażnu*** fil-medium ta' memorja tal-identità u ***fid-dokumenti*** ta' residenza ***għall-finijiet ta' verifika tal-awtenticità tad-dokument u tal-identità tad-detentur. Minħabba l-firma elettronika fuq il-medium ta' memorja tal-karti tal-identità, l-identifikazzjoni tad-detentur permezz tal-medium ta' memorja, li fiha l-istess data bijografika bħal dik stampata fuq id-dokument, hija aktar affidabbli minn verifika viżiva tad-dokument. Għalhekk***, ***iċ-ċittadini tal-Unjoni*** jenħtieġ li ***jitħallew jużaw id-data maħżuna fil-medium ta' memorja tal-karta tal-identità tagħhom biex jidentifikaw ruħhom ma' entitajiet privati. Madankollu, il-verifika tal-marki tas-swaba' maħżuna fil-medium ta' memorja jenħtieġ li ssir minn persunal debitament awtorizzat biss u meta jkun hemm obbligu legali*** li ***d-dokument jiġi ppreżentat biss***.	(20) ***L-immaġni tal-wiċċ maħżuna*** fil-medium ta' memorja ***tal-karti*** tal-identità u ***d-dokumenti*** ta' residenza ***jenħtieġ li tiġi aċċessata biss mill-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-aġenziji tal-Unjoni u entitatjiet privati għall-finijiet*** ta' ***verifika tal-awtenticità tad-dokument u*** tal-identità ***tad-detentur. Tali aċċess jenħtieġ li jikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. L-immaġni tal-wiċċ jenħtieġ li ma tinżammx għal*** aktar ***żmien milli jkun neċessarju għal dawk il-finijiet***, jenħtieġ li ***titħassar hekk kif jintlaħqu dawk il-finijiet u jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet internazzjonali sakemm ma jkunx permess mil-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data. Dawk is-salvagwardji huma maħsuba biex jiżguraw protezzjoni xierqa tal-immaġni tal-wiċċ filwaqt*** li ***ma jipprojbixxux l-użu tagħha***.

Or. en

Emenda 7
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-identifikaturi bijometriċi jenħtieġ li jinġabru u jinħażnu fil-medium ta' memorja tal-identità u fid-dokumenti ta' residenza għall-finijiet ta' verifika tal-awtenticità tad-dokument u tal-identità tad-detentur. ***Minħabba l-firma elettronika fuq il-medium ta' memorja tal-karti tal-identità, l-identifikazzjoni tad-detentur***	(20) L-identifikaturi bijometriċi jenħtieġ li jinġabru u jinħażnu fil-medium ta' memorja tal-identità u fid-dokumenti ta' residenza għall-finijiet ta' verifika tal-awtenticità tad-dokument u tal-identità tad-detentur. ***Tali verifika jenħtieġ li ssir biss minn persunal debitament awtorizzat u biss meta jkun hemm obbligu legali*** li ***d-***

***permezz tal-medium ta' memorja, li fiha l-istess data bijografika bħal dik stampata fuq id-dokument, hija aktar affidabbli minn verifika viżiva tad-dokument. Għalhekk, iċ-ċittadini tal-Unjoni jenħtieġ li jitħallew jużaw id-data maħżuna fil-medium ta' memorja tal-karta tal-identità tagħhom biex jidentifikaw ruħhom ma' entitajiet privati. Madankollu**, il-verifika tal-marki tas-swaba' maħżuna fil-medium ta' memorja* jenħtieġ li *ssir minn persunal debitament awtorizzat biss u meta jkun hemm obbligu legali li d-dokument jiġi ppreżentat biss*.	***dokument jiġi ppreżentat. Id-data bijometrika maħżuna għall-fini tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità jew tad-dokumenti ta' residenza jenħtieġ li tinżamm b'mod sigur ħafna u biss sad-data li fiha jingħabar id-dokument u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn 90 jum mid-data ta' meta jinħareġ id-dokument. Wara dak il-perjodu, dik id-data bijometrika jenħtieġ li titħassar jew tinqered minnufih. Dan jenħtieġ li jsir mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe pproċessar ieħor ta' dik id-data f'konformità mal-liġi nazzjonali u mid-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data.***

Or. en

Emenda 8
Malik Azmani, Jeannette Baljeu, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Il-verifika tal-marki tas-swaba' maħżuna fil-medium ta' memorja jenħtieġ li ssir biss minn persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-aġenziji tal-Unjoni u biss meta jkun meħtieġ mil-liġi nazzjonali jew mid-dritt tal-Unjoni li d-dokument jiġi ppreżentat.

Or. en

Emenda 9
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) L-entitajiet privati jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiksbu l-kunsens tad-detentur biex jaċċessaw l-immaġni tal-wiċċ. Il-kunsens tas-suġġett tad-data għalhekk jenħtieġ li jinftiehem bħala salvagwardja addizzjonali u fih innifsu ma jipprovdix bażi legali għall-ipproċessar minn entitajiet privati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Left iżomm il-pożizzjoni tiegħu, jiġifieri li l-entitajiet privati ma jingħatawx il-possibbiltà ta' aċċess għall-immaġni tal-wiċċ tad-detentur tad-dokument. Madankollu, fid-dawl tal-emendi tal-Kunsill, din hija emenda ta' pożizzjoni ta' "riżerva" biex tillimita kemm jista' jkun il-pożizzjoni ġenerali tiegħu. Din l-emenda partikolari tfittex li tressaq il-partijiet pożittivi tat-test tal-Kunsill, filwaqt li ssaħħaħ id-drittijiet tas-suġġetti tad-data f'każ li l-aċċess għall-immaġnijiet tal-wiċċ jingħata lil entitajiet privati.

Emenda 10
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20b) Meta l-karti tal-identità jew id-dokumenti ta' residenza jkunu meħtieġa li jiġu ppreżentati bil-liġi, jenħtieġ li l-entitajiet privati jkunu jistgħu jaċċessaw biss l-immaġni tal-wiċċ għall-finijiet ta' verifika tal-identità tad-detentur u jenħtieġ li ma jaħżnux jew ma jittrażmettux l-immaġnijiet tal-wiċċ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The Left iżomm il-pożizzjoni tiegħu, jiġifieri li l-entitajiet privati ma jingħatawx il-possibbiltà ta' aċċess għall-immaġni tal-wiċċ tad-detentur tad-dokument. Madankollu, fid-dawl tal-emendi tal-Kunsill, din hija emenda ta' pożizzjoni ta' "riżerva" biex tillimita kemm jista' jkun il-pożizzjoni ġenerali tiegħu.

Emenda 11
Roberto Vannacci, António Tânger Corrêa, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Nikola Bartůšek, Fabrice Leggeri, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) ***Għall-fini ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitqiesu*** l-ispeċifikazzjonijiet tad-Dokument 9303 tal-ICAO ***dwar dokumenti li jinqraw minn magna*** li jiżguraw interoperabbiltà globali inkluż b'rabta mal-qari tad-dokumenti minn magna u l-użu ta' spezzjoni viżiva.	(22) L-ispeċifikazzjonijiet tad-Dokument 9303 tal-ICAO***,*** li jiżguraw interoperabbiltà globali***,*** inkluż b'rabta mal-qari tad-dokumenti minn magna u l-użu ta' spezzjoni viżiva***, jenħtieġ li jkunu l-parametru referenzjarju għall-fini ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 12
Roberto Vannacci, António Tânger Corrêa, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Fabrice Leggeri, András László, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk jinkludux il-ġeneru*** ta' persuna fuq dokument kopert minn dan ir-Regolament***. Meta Stat Membru jinkludi l-ġeneru ta' persuna fuq tali dokument***, ***jenħtieġ li jintużaw*** l-ispeċifikazzjonijiet tad-Dokument 9303 tal-ICAO ***"F", "M" jew "X", jew l-inizjali unika korrispondenti użata fil-lingwa jew lingwi ta' dak l-Istat Membru, kif ikun xieraq***.	(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***jinkludu s-sess*** ta' persuna fuq dokument kopert minn dan ir-Regolament, ***skont*** l-ispeċifikazzjonijiet tad-Dokument 9303 tal-ICAO***. Il-wiri tas-sess tad-detentur jippermetti li d-dokumenti jintużaw b'mod aktar effettiv biex jiġi identifikat id-detentur***.

Or. en

Emenda 13

Paolo Inselvini, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk jinkludux ***il-ġeneru*** ta' persuna fuq dokument kopert minn dan ir-Regolament. Meta Stat Membru jinkludi ***l-ġeneru*** ta' persuna fuq tali dokument, jenħtieġ li jintużaw l-ispeċifikazzjonijiet ***tad-Dokument 9303 tal-ICAO*** "F"***, "M"*** jew ***"X",*** jew l-inizjali unika korrispondenti użata fil-lingwa jew lingwi ta' dak l-Istat Membru, kif ikun xieraq.	(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk jinkludux ***is-sess*** ta' persuna fuq dokument kopert minn dan ir-Regolament. Meta Stat Membru jinkludi ***s-sess*** ta' persuna fuq tali dokument, jenħtieġ li jintużaw l-ispeċifikazzjonijiet "F" jew ***"M"*** jew l-inizjali unika korrispondenti użata fil-lingwa jew lingwi ta' dak l-Istat Membru, kif ikun xieraq.

Or. it

Emenda 14
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek, Emma Rafowicz, Evin Incir, Cecilia Strada, Pina Picierno

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk jinkludux il-ġeneru ta' persuna fuq dokument kopert minn dan ir-Regolament. Meta Stat Membru jinkludi l-ġeneru ta' persuna fuq tali dokument, jenħtieġ li jintużaw l-ispeċifikazzjonijiet tad-Dokument 9303 tal-ICAO "F", "M" jew "X", jew l-inizjali unika korrispondenti użata fil-lingwa jew lingwi ta' dak l-Istat Membru, kif ikun xieraq.	(23) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk jinkludux il-ġeneru ta' persuna fuq dokument kopert minn dan ir-Regolament. Meta Stat Membru jinkludi l-ġeneru ta' persuna fuq tali dokument, jenħtieġ li jintużaw l-ispeċifikazzjonijiet tad-Dokument 9303 tal-ICAO "F", "M" jew "X", jew l-inizjali unika korrispondenti użata fil-lingwa jew lingwi ta' dak l-Istat Membru, kif ikun xieraq***, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***.[1a]

1a Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ottubru 2024, Mirin, C-4/23, ECLI:EU:C:2024:845.

Or. en

Emenda 15
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Il-persunal kwalifikat jenħtieġ li jirċievi taħriġ obbligatorju dwar l-aħjar prattiki għall-ġbir tal-identifikaturi bijometriċi mit-tfal u mill-persuni vulnerabbli, filwaqt li tiġi żgurata s-sensittività għall-ħtiġijiet speċifiċi għall-ġeneru u għall-età filwaqt li jirrispetta d-dinjità tal-individwi kollha.

Or. en

Emenda 16
Roberto Vannacci, António Tânger Corrêa, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Nikola Bartůšek, Fabrice Leggeri, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta l-Istati Membri jiltaqgħu diffikultajiet biex jiġbru l-identifikaturi bijometriċi, jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm stabbiliti proċeduri xierqa li jirrispettaw id-dinjità tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, jenħtieġ li jitqiesu kunsiderazzjonijiet speċifiċi relatati ***mal-ġeneru u*** mal-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u tal-persuni vulnerabbli.	(26) Meta l-Istati Membri jiltaqgħu ***ma'*** diffikultajiet biex jiġbru l-identifikaturi bijometriċi, jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm stabbiliti proċeduri xierqa li jirrispettaw id-dinjità tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, jenħtieġ li jitqiesu kunsiderazzjonijiet speċifiċi relatati mal-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u tal-persuni vulnerabbli.

Or. en

Emenda 17
Paolo Inselvini, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Meta l-Istati Membri jiltaqgħu diffikultajiet biex jiġbru l-identifikaturi bijometriċi, jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm stabbiliti proċeduri xierqa li jirrispettaw id-dinjità tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, jenħtieġ li jitqiesu kunsiderazzjonijiet speċifiċi relatati ***mal-ġeneru*** u mal-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u tal-persuni vulnerabbli.	(26) Meta l-Istati Membri jiltaqgħu ***ma'*** diffikultajiet biex jiġbru l-identifikaturi bijometriċi, jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm stabbiliti proċeduri xierqa li jirrispettaw id-dinjità tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, jenħtieġ li jitqiesu kunsiderazzjonijiet speċifiċi relatati ***mas-sess*** u mal-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u tal-persuni vulnerabbli.

Or. it

Emenda 18
Roberto Vannacci, António Tânger Corrêa, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Fabrice Leggeri, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Is-sinjal ta' distinzjoni fil-forma tal-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-Istat Membru li joħroġ id-dokument ***stampat fin-negattiv f'rettangolu blu u mdawwar bi 12-il stilla safra*** jiffaċilita l-ispezzjoni viżiva tad-dokument, b'mod partikolari meta d-detentur ikun qiegħed jeżerċita d-dritt ta' moviment liberu.	(28) Is-sinjal ta' distinzjoni fil-forma tal-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-Istat Membru li joħroġ id-dokument jiffaċilita l-ispezzjoni viżiva tad-dokument, b'mod partikolari meta d-detentur ikun qiegħed jeżerċita d-dritt ta' moviment liberu.

Or. en

Emenda 19
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(32a) B'appoġġ għal dan l-objettiv, il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ li tiżgura l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' identifikazzjoni elettronika u l-integrazzjoni ta' servizzi elettroniċi transfruntiera tal-gvern. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jsaħħu l-użabbiltà u l-aċċessibbiltà tal-karti tal-identità għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni filwaqt li jżommu funzjonalità bla xkiel u interoperabbiltà sħiħa fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 20
Malik Azmani

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar[9]***,*** jenħtieġ li, sitt snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***il-Kummissjoni*** tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***fosthom*** abbażi tal-informazzjoni li tingħabar permezz ta' arranġamenti ta' monitoraġġ speċifiċi, sabiex tivvaluta l-effetti reali ta' dan ir-Regolament u l-ħtieġa li tittieħed kwalunkwe azzjoni ulterjuri. Għall-fini tal-monitoraġġ, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru statistika dwar l-għadd ta' karti tal-identità u dokumenti ta' residenza li joħorġu.	(43) ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament sentejn, u ħdax-il sena, rispettivament, wara d-data ta' applikazzjoni tiegħu, inkluż dwar l-idoneità tal-livell ta' sigurtà, filwaqt li tqis l-impatt tiegħu fuq id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data.*** F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar ir-Regolamentazzjoni Aħjar[9] jenħtieġ li ***l-Kummissjoni***, sitt snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***u kull sitt snin wara dan,*** tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***inkluż*** abbażi tal-informazzjoni li tingħabar permezz ta' arranġamenti ta' monitoraġġ speċifiċi, sabiex tivvaluta l-effetti reali ta' dan ir-Regolament u l-ħtieġa li tittieħed kwalunkwe azzjoni ulterjuri. Għall-fini tal-monitoraġġ, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġbru statistika dwar l-għadd ta' karti tal-identità u dokumenti ta' residenza li

joħorġu.

[9] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

[9] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

Or. en

Emenda 21
Roberto Vannacci, António Tânger Corrêa, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Nikola Bartůšek, Fabrice Leggeri, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, in-numru tad-dokument jista' jiddaħħal fiż-żona I u l-indikazzjoni tal-ġeneru ta' persuna għandha tkun fakultattiva.	***imħassar***

Or. en

Emenda 22
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, in-numru tad-dokument jista' jiddaħħal fiż-żona I ***u l-indikazzjoni tal-ġeneru ta' persuna għandha tkun fakultattiva***.	B'deroga mill-ewwel subparagrafu, in-numru tad-dokument jista' jiddaħħal fiż-żona I.

Or. fr

Emenda 23
Paolo Inselvini, Alessandro Ciriani

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, in-numru tad-dokument jista' jiddaħħal fiż-żona I u l-indikazzjoni ***tal-ġeneru*** ta' persuna għandha tkun fakultattiva.	B'deroga mill-ewwel subparagrafu, in-numru tad-dokument jista' jiddaħħal fiż-żona I u l-indikazzjoni ***tas-sess*** ta' persuna għandha tkun fakultattiva.

Or. it

Emenda 24
Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek, Emma Rafowicz, Evin Incir, Cecilia Strada, Pina Picierno

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu, in-numru tad-dokument jista' jiddaħħal fiż-żona I u l-indikazzjoni tal-ġeneru ta' persuna għandha tkun fakultattiva.	B'deroga mill-ewwel subparagrafu, in-numru tad-dokument jista' jiddaħħal fiż-żona I u l-indikazzjoni tal-ġeneru ta' persuna għandha tkun fakultattiva. ***Meta Stat Membru jinkludi l-ġeneru ta' persuna fuq dokument kopert b'dan id-dokument, għandhom jintużaw l-ispeċifikazzjonijiet tad-Dokument 9303 tal-ICAO "F", "M" jew "X", jew l-inizjali unika korrispondenti użata bil-lingwa jew lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru, kif ikun xieraq.***

Or. en

Emenda 25
Roberto Vannacci, António Tânger Corrêa, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Fabrice Leggeri, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Fuq in-naħa ta' quddiem, il-karta tal-identità għandu jkun fiha l-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-Istat Membru li joħroġ ***il-kard, stampat fin-negattiv f'rettangolu blu u mdawwar bi 12-il stilla safra***.	4. Fuq in-naħa ta' quddiem, il-karta tal-identità għandu jkun fiha l-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-Istat Membru li joħroġ ***il-karta***.

Or. en

Emenda 26
Milan Uhrík, Ewa Zajączkowska-Hernik, Mary Khan
f'isem il-Grupp ESN

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-karti tal-identità għandhom jinkludu medium ta' memorja sigur ħafna li għandu jkun fih ***data bijometrika li tikkonsisti esklużivament f'immaġni*** tal-wiċċ tad-detentur tal-karta ***u żewġ marki tas-swaba'*** f'formati diġitali interoperabbli. Fir-rigward tal-ġbir tal-identifikaturi bijometriċi, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif stabbiliti bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)7767[12] kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 3726[13].	5. Il-karti tal-identità għandhom jinkludu medium ta' memorja sigur ħafna li għandu jkun fih ***immaġni*** tal-wiċċ tad-detentur tal-karta f'formati diġitali interoperabbli. Fir-rigward tal-ġbir tal-identifikaturi bijometriċi, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif stabbiliti bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)7767[12] kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 3726[13].
[12] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)7767 tat-30 ta' Novembru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiż terz u li tħassar id-Deċiżjoni C(2002)3069.	[12] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)7767 tat-30 ta' Novembru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiż terz u li tħassar id-Deċiżjoni C(2002)3069.
[13] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2021) 3726 tal-4 ta' Ġunju 2021 li temenda l-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2018) 7767 fir-rigward tal-lista ta' referenzi	[13] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2021) 3726 tal-4 ta' Ġunju 2021 li temenda l-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2018) 7767 fir-rigward tal-lista ta' referenzi

normattivi.	normattivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tħassar l-obbligu għall-ħżin ta' żewġ marki tas-swaba' fuq il-karti tal-identità. Dan huwa ksur qawwi wisq tad-dritt għall-privatezza taċ-ċittadini li jiffavorixxi possibbiltajiet dejjem akbar għall-kontroll tal-istat. Huwa wkoll riskju kbir wisq għaċ-ċiberkriminalità: jekk dawn il-marki tas-swaba' jinsterqu, dawn jistgħu jintużaw madwar id-dinja għal kull tip ta' frodi relatata mal-identità. Peress li huma uniċi, is-serq ta' dawn il-marki tas-swaba' jkun ta' riskju tul il-ħajja għaċ-ċittadin li jkun il-vittma.

Emenda 27
Malik Azmani, Jeannette Baljeu, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-karti tal-identità għandhom jinkludu medium ta' memorja sigur ħafna li għandu jkun fih data bijometrika li tikkonsisti esklużivament f'immaġni tal-wiċċ tad-detentur tal-karta u żewġ marki tas-swaba' f'formati diġitali interoperabbli. Fir-rigward tal-ġbir ***tal-identifikaturi*** bijometriċi, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif stabbiliti ***bid-Deċiżjoni*** ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)7767[12] kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 3726[13].	5. Il-karti tal-identità għandhom jinkludu medium ta' memorja sigur ħafna li għandu jkun fih data bijometrika li tikkonsisti esklużivament f'immaġni tal-wiċċ tad-detentur tal-karta u żewġ marki tas-swaba' f'formati diġitali interoperabbli. Fir-rigward tal-ġbir ***ta' dawn iż-żewġ tipi ta' identifikaturi*** bijometriċi, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif stabbiliti ***mid-Deċiżjoni*** ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)7767[12] kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 3726[13].
[12] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)7767 tat-30 ta' Novembru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiż terz u li tħassar id-Deċiżjoni C(2002)3069.	[12] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2018)7767 tat-30 ta' Novembru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-format uniformi għal permessi ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiż terz u li tħassar id-Deċiżjoni C(2002)3069.
[13] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2021) 3726 tal-4 ta' Ġunju 2021 li temenda l-Anness III tad-	[13] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C (2021) 3726 tal-4 ta' Ġunju 2021 li temenda l-Anness III tad-

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2018) 7767 fir-rigward tal-lista ta' referenzi normattivi.	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C (2018) 7767 fir-rigward tal-lista ta' referenzi normattivi.

Or. en

Emenda 28
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-tfal ta' taħt it-12-il sena ***jistgħu*** ikunu eżentati mir-rekwiżit li jagħtu l-marki tas-swaba'.	It-tfal ta' taħt it-12-il sena ***għandhom*** ikunu eżentati mir-rekwiżit li jagħtu l-marki tas-swaba'.

Or. en

Emenda 29
Roberto Vannacci, António Tânger Corrêa, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Nikola Bartůšek, Fabrice Leggeri, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) is-sess tad-detentur

Or. en

Emenda 30
Roberto Vannacci, António Tânger Corrêa, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Fabrice Leggeri, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) fuq quddiem, il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-Istat Membru li joħroġ id-dokument***, stampat fin-negattiv***	(h) fuq quddiem, il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ittri tal-Istat Membru li joħroġ id-dokument.

f'rettangolu blu u mdawwar bi tnax-il stilla safra.

Or. en

Emenda 31
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Barra meta jkun obbligatorju għall-fini ta' pproċessar f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali,*** l-identifikaturi bijometriċi li jinħażnu għall-fini tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità jew tad-dokumenti ta' residenza għandhom jinżammu b'mod sigur ħafna u biss sad-data meta jinġabar id-dokument u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-ħruġ ***ta' dak id-dokument***. Wara dan il-perjodu, dawn l-identifikaturi bijometriċi għandhom jitħassru jew jinqerdu minnufih.	3. L-identifikaturi bijometriċi li jinħażnu għall-fini tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità jew tad-dokumenti ta' residenza ***għandhom jiġu pproċessati esklużivament għal dak il-fini u*** għandhom jinżammu b'mod sigur ħafna u biss sad-data meta jinġabar id-dokument u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-ħruġ. Wara dan il-perjodu, dawn l-identifikaturi bijometriċi għandhom jitħassru jew jinqerdu minnufih.

Or. en

Emenda 32
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Barra meta jkun obbligatorju għall-fini ta' pproċessar f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali,*** l-identifikaturi bijometriċi li jinħażnu għall-fini tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità jew tad-dokumenti ta' residenza għandhom jinżammu b'mod sigur ħafna u	3. L-identifikaturi bijometriċi li jinħażnu għall-fini tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità jew tad-dokumenti ta' residenza għandhom ***jiġu pproċessati esklużivament għal dak il-fini. Dawn għandhom*** jinżammu b'mod sigur ħafna u biss sad-data meta jinġabar id-dokument u

biss sad-data meta jinġabar id-dokument u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-ħruġ ***ta' dak id-dokument***. Wara dan il-perjodu, dawn l-identifikaturi bijometriċi għandhom jitħassru jew jinqerdu minnufih.	fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-ħruġ. Wara dan il-perjodu, dawn l-identifikaturi bijometriċi għandhom jitħassru jew jinqerdu minnufih.

Or. en

Emenda 33
Francisco Assis, Krzysztof Śmiszek, Ana Catarina Mendes, Marco Tarquinio, Emma Rafowicz, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Barra meta jkun obbligatorju għall-fini ta' pproċessar f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali,*** l-identifikaturi bijometriċi li jinħażnu għall-fini tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità jew tad-dokumenti ta' residenza għandhom jinżammu b'mod sigur ħafna u biss sad-data meta jinġabar id-dokument u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-ħruġ ***ta' dak id-dokument***. Wara dan il-perjodu, dawn l-identifikaturi bijometriċi għandhom jitħassru jew jinqerdu minnufih.	3. L-identifikaturi bijometriċi li jinħażnu għall-fini tal-personalizzazzjoni tal-karti tal-identità jew tad-dokumenti ta' residenza ***għandhom jiġu pproċessati eskluživament għal dak il-fini u*** għandhom jinżammu b'mod sigur ħafna u biss sad-data meta jinġabar id-dokument u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 90 jum mid-data tal-ħruġ. Wara dan il-perjodu, dawn l-identifikaturi bijometriċi għandhom jitħassru jew jinqerdu minnufih.

Or. en

Emenda 34
Tomáš Zdechovský

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li	4. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru**.**

tista' tirriżulta skont id-dritt tal-Unjoni ***jew dak*** nazzjonali dwar ***ksur ta' obbligi fir-rigward*** tad-data personali.	***L-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li ***l-forniturі esterni kollha jikkonformaw mal-liġi*** tal-Unjoni ***u dik*** nazzjonali dwar ***il-protezzjoni tad-data, u għandhom jiġu adottati miżuri addizzjonali biex jipprevjenu kwalunkwe aċċess mhux awtorizzat jew użu ħażin*** tad-data personali ***matul il-proċessi esternalizzati***.

Or. en

Emenda 35
Malik Azmani, Jeannette Baljeu, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-data li tinħażen fil-medium ta' memorja tal-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza għandha ***tintuża*** biss ***f'konformità mad-dritt*** tal-Unjoni u ***dak nazzjonali*** għall-finijiet tal-verifikazzjoni:	***L-immaġni tal-wiċċ tad-detentur*** li tinħażen fil-medium ta' memorja tal-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza għandha ***tiġi aċċessata*** biss ***minn persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-aġenziji*** tal-Unjoni u ***entitatjiet privati u f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data*** għall-finijiet tal-verifikazzjoni:

Or. en

Emenda 36
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-data li tinħażen fil-medium ta' memorja tal-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza għandha tintuża biss f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali għall-finijiet tal-verifikazzjoni:	Id-data ***bijometrika*** li tinħażen fil-medium ta' memorja tal-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza għandha tintuża biss f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali***, minn persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti,*** għall-finijiet tal-verifikazzjoni:

Or. en

Emenda 37
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iż-żewġ marki tas-swaba' li jinħażnu fil-medium ta' memorja għandhom jiġu aċċessati biss minn persunal awtorizzat kif xieraq tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-aġenziji tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żewġ tipi ta' data bijometrika, marki tas-swaba' u immaġnijiet tal-wiċċ, għandhom jintużaw biss għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u huwa biss il-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-aġenziji tal-Unjoni li għandu jkun jista' jużahom. It-tħassir ifittex li jiżgura li l-immaġnijiet tal-wiċċ ma jiġux esklużi mid-dispożizzjonijiet, u b'hekk ma jippermettix lid-detenturi tal-karti jużawhom biex jidentifikaw ruħhom ma' entitajiet privati, u b'hekk jagħtuhom aċċess għad-data bijometrika sensittiva tagħhom permezz ta' dan ir-Regolament.

Emenda 38
Anna Strolenberg
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iż-żewġ marki tas-swaba' li ***jinħażnu*** fil-medium ta' memorja ***għandhom jiġu aċċessati*** biss minn persunal awtorizzat kif xieraq tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-aġenziji tal-Unjoni.	***Id-data bijometrika*** li ***tinħażen*** fil-medium ta' memorja ***għandha tiġi aċċessata*** biss minn persunal awtorizzat kif xieraq tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-aġenziji tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 39
Malik Azmani, Jeannette Baljeu, Lucia Yar, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iż-żewġ marki tas-swaba' li jinħażnu fil-medium ta' memorja għandhom jiġu aċċessati biss minn persunal awtorizzat kif xieraq tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-aġenziji tal-Unjoni.	Iż-żewġ marki tas-swaba' ***tad-detentur*** li jinħażnu fil-medium ta' memorja għandhom jiġu aċċessati biss minn persunal awtorizzat kif xieraq tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u tal-aġenziji tal-Unjoni***, għall-finijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data***.

Or. en

Emenda 40
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Article 11 – paragraph 6 – subparagraph 2 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom iżommu lista tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti b'aċċess għad-data bijometrika li tinħażen fil-medium ta' memorja msemmi fl-Artikolu 3(5), u jikkomunikawha annwalment lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika online ġabra ta' dawn il-listi nazzjonali.

Or. en

Emenda 41
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Evalwazzjoni	***Rappurtar u*** evalwazzjoni

Or. en

Emenda 42
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mhux aktar tard minn [sitt snin wara li*** dan ir-Regolament ***jidħol fis-seħħ]***, il-Kummissjoni għandha ***tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali*** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew***.*** B'mod partikolari***, ir-rapport għandu jiffoka fuq:***	1. ***Sentejn, u 11-il sena, rispettivament, wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-data personali.*** ***Sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u kull sitt snin sussegwenti, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jiffoka fuq:***

Or. en

Emenda 43
Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mhux aktar tard minn [sitt*** snin wara ***li*** dan ir-Regolament ***jidħol fis-seħħ]***, il-Kummissjoni għandha tagħmel	1. ***Sentejn, u 11-il sena, rispettivament, wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, il-***

evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jiffoka fuq:	***Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-data personali. Sitt*** snin wara ***d-dħul fis-seħħ ta'*** dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jiffoka fuq:

Or. en

Emenda 44
Francisco Assis, Krzysztof Śmiszek, Ana Catarina Mendes, Marco Tarquinio, Emma Rafowicz, Alessandro Zan

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mhux aktar tard minn*** [sitt snin wara ***li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ]***, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jiffoka fuq:	1. ***Fi żmien*** [sitt snin wara ***d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jiffoka fuq:

Or. en

Emenda 45
Roberto Vannacci, António Tânger Corrêa, Susanna Ceccardi, Anna Maria Cisint, Nikola Bartůšek, Fabrice Leggeri, Tom Vandendriessche, Matthieu Valet

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq id-drittijiet fundamentali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 46
Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-ħtieġa li jiġu introdotti karatteristiċi ta' sigurtà komuni ta' dokumenti ta' identifikazzjoni użati fuq bażi provviżorja fid-dawl tar-rikonoxximent aħjar tagħhom.

Or. en

Emenda 47
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) użu possibbli ta' karti ta' residenza bħala dokumenti tal-ivvjaġġar.

Or. en